IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.5.2023
COM(2023) 235 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE (2021) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi fejn jidħlu l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

{SWD(2023) 131 final}

Kontenut

Sommarju eżekuttiv 4
Introduzzjoni 6

Parti 1
Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2021 8

1.1
Ħarsa ġenerali 9

1.2
Rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE 16

1.3
Organizzazzjoni u prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali 18

1.4
Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP 20

1.4.1
Azzjonijiet meħuda biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozji 21

1.4.2
Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali 22

1.4.3
Azzjonijiet meħuda biex tiġi żgurata l-operazzjoni effettiva tas-sistemi tal-kontroll uffiċjali 24

Parti 2
Attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE fl-2021 26

2.1
Awditi u kontrolli 27

2.2
Rakkomandazzjonijiet 30

2.3
Punti ewlenin mill-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fl-2021 31

2.4
Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi 35

2. 4.1

Awditi ta' segwitu ġenerali **36**

2.4.2
Infurzar **37**
Konklużjonijiet **38**

Dikjarazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippreżenta dan ir-rapport f'konformità mal-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625 [1]. Dan ir-rapport għandu l-għan li jtejjeb id-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE – u l-kontrolli tal-Kummissjoni fuqhom – fl-oqsma tas-sikurezza alimentari u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, il-biedja organika u l-iskemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel.

Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha l-kompetenza tinterpreta d-dritt tal-Unjoni.

L-għan tagħna huwa li nżommu din l-informazzjoni aġġornata u akkurata. Jekk tiġbdulna l-attenzjoni dwar xi żbalji, se nippruvaw nikkoreġuhom.

Il-materjal li ntuża għal dan ir-rapport:

- huwa informazzjoni ta' natura ġenerali u ma huwiex maħsub biex jindirizza ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kwalunkwe individwu jew entità partikolari;
- ma huwiex neċessarjament komprensiv, komplut, akkurat jew aġġornat; u
- huwa parzjalment ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi tal-UE, li fuqhom il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll u li għalihom il-Kummissjoni ma tista' tieħu l-ebda responsabbiltà.

Xi *data* jew informazzjoni f'dan ir-rapport setgħet inħolqot jew ġiet strutturata f'fajls jew f'formati li ma humiex ħielsa minn żbalji.

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Sommarju eżekuttiv

Dan ir-rapport ikopri l-operat ġenerali tal-kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE u l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fl-2021. Dawn il-kontrolli għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fil-katina alimentari, mill-għalqa sal-platt. Dawn huma mod importanti biex jiġi vverifikat li n-negozji qed jikkonformaw mar-rekwiżiti legali tagħhom biex il-konsumaturi tal-UE jkunu jistgħu jkunu kunfidenti li l-ikel li jieklu huwa sikur. Huma wkoll kruċjali biex jippermettu l-operat bla xkiel tal-kummerċ sikur tal-ikel, tal-annimali u tal-pjanti, kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE.

L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli mit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali. Jekk in-negozji tul il-katina alimentari ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa jinfurzaw ir-rekwiżiti, filwaqt li jiżguraw li n-negozji jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Fl-2021, kien hemm 16,9-il miljun entità fl-ambitu tal-kontrolli uffiċjali u l-awtoritajiet nazzjonali wettqu kważi 5 miljun kontroll uffiċjali fuqhom. Abbażi ta' dawn il-kontrolli, ġew identifikati madwar miljun kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità, li wasslu għall-applikazzjoni ta' kważi 500 000 sanzjoni amministrattiva u għal kważi 8 000 azzjoni ġudizzjarja.

Il-Kummissjoni tivverifika l-implimentazzjoni tal-pajjiżi tal-UE tal-kontrolli uffiċjali u tal-attivitajiet ta' infurzar. Ir-rapporti minn dawn il-kontrolli tal-Kummissjoni, li huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, jipprovdu stampa ċara tal-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u huma parti sinifikanti mill-proċess ta' rieżami li jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun adegwata għall-użu.

Il-kontrolli tal-Kummissjoni juru li, b'mod ġenerali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ biex jimmonitorjaw u jiżguraw li n-negozji jkunu qed jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-UE u biex jaġixxu fejn ikun hemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. F'xi pajjiżi tal-UE, dawn il-kontrolli identifikaw nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali, u indikaw li kien hemm lok għal titjib. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-Kummissjoni ssegwi b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet tagħha u, fejn meħtieġ, tagħmel użu minn għodod oħra ta' infurzar. Barra minn hekk, hija tappoġġa lill-pajjiżi tal-UE billi tipprovdi assistenza teknika u taħriġ permezz tal-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel u laqgħat tekniċi ta' networks ta' esperti.

Mill-2020, l-awtoritajiet nazzjonali kienu meħtieġa jirrapportaw ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom f'format elettroniku armonizzat. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE sa issa setgħu jissottomettu d-*data* kollha tagħhom fil-format meħtieġ. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali biex ittejjeb il-kompletezza tad-*data* għal rapporti annwali futuri.

Matul l-2021, il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni li jwettqu l-kontrolli u l-awditi tagħhom kif ippjanat.

Introduzzjoni

L-UE għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fl-oqsma tas-sikurezza alimentari u tal-għalf; tas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali; tat-trattament xieraq tal-annimali; tal-biedja organika; u ta' skemi ta' oriġini ġeografika (denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti (STG)). In-nies li jgħixu fl-UE jistennew bir-raġun standards għoljin f'dawn l-oqsma kollha.

L-UE għandha qafas ġuridiku komprensiv biex tiżgura kontrolli konsistenti tul il-katina alimentari u tal-għalf kollha, mill-għalqa sal-platt, u monitoraġġ xieraq, filwaqt li tiżgura suq uniku effettiv u kummerċ ma' pajjiżi mhux tal-UE. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, ir-referenzi għall-pajjiżi tal-UE u d-*data* statistika jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq [2].

Wieħed mill-pilastri tal-politika integrata tal-UE dwar is-sikurezza alimentari mill-għalqa sal-platt huwa li kull pajjiż tal-UE jrid ikollu sistema ta' kontroll uffiċjali effettiva, ibbażata fuq ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali [3], biex jivverifika u, fejn meħtieġ, jinforza l-konformità tan-negozji mal-istandards tal-UE tul il-katina alimentari u tal-għalf. Il-pajjiżi tal-UE għandhom ifasslu pjanijiet ta' kontroll nazzjonali pluriennali (MANCPs) li jkopru l-oqsma kollha regolati mil-leġiżlazzjoni agroalimentari tal-UE.

Il-Kummissjoni għandha rwol importanti fil-qafas ta' kontroll ġenerali fil-livell tal-UE [4] u twettaq kontrolli, inklużi awditi, fil-pajjiżi tal-UE biex tivverifika li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu qed jissodisfaw l-obbligi ta' kontroll tagħhom.

Il-pajjiżi tal-UE jridu jissottomettu rapport annwali lill-Kummissjoni [5] dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tagħhom f'konformità mal-MANCP tagħhom.

---

[2] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

[3] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

[4] L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Il-Kummissjoni tipproduċi rapport [6] dwar l-operat tal-kontrolli uffiċjali fil-pajjiżi tal-UE, filwaqt li tqis:

- ir-rapporti annwali sottomessi mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom; u
- l-eżitu tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE.

Dan ir-rapport ikopri s-sena 2021. Dan jikkonsisti f'rieżami ta':

- rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE li jkopru l-2021;
- l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE fl-2021; u
- l-azzjonijiet ta' segwitu u ta' infurzar tal-Kummissjoni u l-appoġġ ipprovdut lill-awtoritajiet nazzjonali.

Jinkludi kompilazzjoni tad-*data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali għas-sena 2021. Maż-żmien, din id-*data* se tagħmilha possibbli li jiġu identifikati xejriet fil-kontrolli u fi kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Il-grafika relatata mal-kontrolli uffiċjali nazzjonali hija bbażata fuq id-*data* aggregata tal-2021 mill-pajjiżi tal-UE.

Peress li r-rekwiżiti ta' rapportar inbidlu mill-2020, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE setgħu jipprovdu d-*data* kollha tagħhom għall-2021 fid-dettall meħtieġ. Dan jillimita l-punt sa fejn il-grafika tista' titqabbel minħabba li xi pajjiżi tal-UE setgħu pprovdew *data* kkombinata li ma ġietx analizzata fis-subkategoriji meħtieġa.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal [7] li jipprovdi:

- aktar informazzjoni ta' sfond dwar il-qafas legali; u
- aktar dettall dwar il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-Kummissjoni fl-oqsma tal-katina alimentari li jaqgħu taħt ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

---

[5] L-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

[6] L-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[7] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2023) 131 final) li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE (2021) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Parti 1

Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2021

1.1 Ħarsa ġenerali

Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel mill-għalqa sal-platt isiru f'diversi ktajjen f'firxa wiesgħa ta' oqsma u attivitajiet ([8]).

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għadd totali ta' entitajiet fil-katina alimentari; kontrolli uffiċjali li twettqu; kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità li ġew identifikati; u sanzjonijiet amministrattivi u azzjonijiet ġudizzjarji li ttieħdu fil-katina alimentari fil-livell tal-UE fl-2021.

Tabella 1: Kontrolli uffiċjali fl-2021 – ċifri ġenerali

Entitajiet totali fil-katina alimentari	Kontrolli uffiċjali mwettqa	Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati	Sanzjonijiet amministrattivi applikati	Azzjonijiet ġudizzjarji meħuda
16 961 311	**4 820 161**	**1 112 663**	**499 365**	**7 903**

L-Illustrazjoni 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2021 mill-għalqa sal-platt [(9)]. Turi n-numru ta' operaturi, ta' kontrolli uffiċjali li saru, ta' kwistjonijiet ta' nonkonformità li ġew identifikati u ta' sanzjonijiet amminsitrattivi li ġew applikati – analiżi skont l-attivitajiet differenti fil-katina alimentari [(10)].

It-Tabella 2 turi l-ewwel ħames setturi tal-katina alimentari b'ċifri assoluti għan-numru ta' entitajiet, il-kontrolli uffiċjali mwettqa, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati u s-sanzjonijiet amministrattivi applikati. Id-dokument ta'

[(8)] Ara Eurostat – key figures of the European food chain – 2021 għal għażla ta' *data* għas-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd tal-UE, u għall-katina usa' mill-għalqa sal-platt.

[(9)] Din iċ-ċifra ma tinkludix il-kontrolli relatati mas-saħħa tal-pjanti (jiġifieri l-ħruġ ta' passaporti tal-pjanti u l-applikazzjoni tal-marka ISPM15 għall-imballaġġ tal-injam biex turi li dan kien ġie ttrattat biex jiġi evitat it-tixrid ta' insetti, żrieragħ u fungi), il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi barra mill-agrikoltura.

[(10)] L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx għalfejn jirrapportaw l-għadd ta' entitajiet attivi fit-trasport tal-annimali. Id-*data* mitluba għall-kontrolli uffiċjali u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità għall-biċċeriji u għall-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa tista' tingħata bħala l-għadd ta' karkassi jew il-piż, u għalhekk ma jistax jintuża total.

ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi analiżi ulterjuri ta' dawn iċ-ċifri fl-oqsma differenti tal-katina alimentari.

Illustrazzjoni 1: Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2021



	Biedja – pjanti	#	L-għadd ta’ operaturi
	Biedja – annimali		Għadd ta’ kontrolli uffiċċjali
	Biedja – imħallta		L-għadd ta’ kwistjonijiet ta’ nuqqas ta’ konformità
	Akkwakultura		L-għadd ta’ sanzjonijiet amministrattivi
	Sajd		
	Kaċċa		
	Għalf għall-annimali		
	Trasport tal-annimali		
	Biċċeriji u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa		
	Produzzjoni tal-ikel		
	Ipproċessar ta’ prodotti sekondarji tal-annimali		
	Distribuzzjoni tal-ikel		
	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut		
	Servizz alimentari		
	Produtturi tal-materjali li jiġu f’kuntatt mal-ikel		

Tabella 2: Kontrolli uffiċjali fl-2021 – l-ewwel ħames setturi

Entitajiet		Biedja	8 957 343
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	3 719 383
		Servizz alimentari	2 830 838
		Produzzjoni tal-ikel	644 126
		Distribuzzjoni tal-ikel	398 574
Kontrolli uffiċjali		Servizz alimentari	1 097 087
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	1 015 758
		Trasport tal-annimali	887 003
		Produzzjoni tal-ikel	806 466
		Biedja	533 626
Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità		Servizz alimentari	304 365
		Trasport tal-annimali	248 382
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	189 843
		Biedja	180 901
		Produzzjoni tal-ikel	139 304
Sanzjonijiet amministrattivi		Servizz alimentari	166 515
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	136 101
		Produzzjoni tal-ikel	102 770
		Biedja	58 302
		Distribuzzjoni tal-ikel	15 441

1.2 Rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE

L-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali tal-2021 kienet il-31 ta' Awwissu 2022. Disa' pajjiżi tal-UE ppreżentaw ir-rapport tagħhom fil-ħin, 15 ma laħqux l-iskadenza b'massimu ta' ġimagħtejn u l-aħħar erba' rapporti ġew sottomessi 29, 42, 42 u 92 jum tard.

L-awtoritajiet nazzjonali kienu qed jużaw il-format tar-rapportar il-ġdid għat-tieni darba biss. Għalhekk, uħud minnhom kien għad għandhom problemi fil-kompilazzjoni tad-*data* fil-format meħtieġ. Dan ifisser li l-paraguni bejn id-*data* sottomessa għall-2020 u l-2021 jistgħu ma jkunux affidabbli. Il-bidla fil-format il-ġdid tagħmilha wkoll diffiċli li d-*data* ta' qabel l-2020 titqabbel mad-*data* ta' wara l-2020. Għalhekk għadu kmieni wisq biex id-*data* tibda titqabbel fil-livell tal-UE sena wara sena.

Fir-rapporti tagħhom, il-pajjiżi tal-UE jistgħu jippreżentaw il-progress tagħhom lejn l-ilħuq tal-objettivi strateġiċi tagħhom u l-isfidi li jiffaċċjaw meta jimplimentaw il-MANCP tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu wkoll dikjarazzjoni dwar il-livell ġenerali ta' konformità u awtovalutazzjoni ġenerali tal-adegwatezza u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali tagħhom. Il-format tar-rapport jinkludi kaxxi testwali vojta fejn jistgħu jippreżentaw din l-informazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali pprovdew inqas informazzjoni għall-2021 milli kien previst fid-dokument ta' gwida [(11)].

Fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali fil-farms u matul it-trasport, ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jiddikjara li r-rapporti annwali għandhom jinkludu analiżi tal-aktar inċidenti serji ta' nuqqas ta' konformità. Din l-analiżi għandha tkun il-bażi għal pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-prevenzjoni u għat-tnaqqis tal-okkorrenza tagħhom fis-snin li ġejjin [(12)]. B'mod ġenerali, u kif kien il-każ ukoll fl-2020, l-awtoritajiet nazzjonali ma pprovdewx din l-analiżi jew dawn il-pjanijiet ta' azzjoni. Dan jagħmilha impossibbli għall-Kummissjoni li tipprovdi s-sommarju meħtieġ dwar dan il-punt.

[(11)] Avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandu jimtela l-mudell tal-formola standard

[(12)] L-Artikoli 151, 152, 154, 156, 157 u 158 tar-Regolament (UE) 2017/625.

L-awtoritajiet nazzjonali pprovdew ukoll informazzjoni limitata ħafna biss dwar kontrolli mmirati lejn prattiki frodulenti u qarrieqa.

1.3
Organizzazzjoni u prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali

Il-pajjiżi tal-UE stabbilew sistemi ta' kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku min-negozji kollha fil-katina alimentari.

Il-MANCPs tal-awtoritajiet nazzjonali jiddeskrivu l-istabbiliment tas-sistemi ta' kontroll tagħhom u jistabbilixxu l-objettivi strateġiċi tagħhom.

Il-gwida tal-Kummissjoni għat-tlestija tar-rapporti annwali tistieden lill-awtoritajiet nazzjonali biex:

- jiddeskrivu kwalunkwe aġġornament għall-organizzazzjoni tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali;
- jinkludu tabella bir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kejl tal-objettivi strateġiċi; u
- jinkludu dikjarazzjoni dwar il-livell ġenerali ta' konformità u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali, ibbażata fuq l-analiżi u s-sinteżi tar-riżultati tas-sistemi ta' kontroll, l-objettivi tagħhom u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħhom.

Xi pajjiżi tal-UE jiddeskrivu s-sistemi ta' kontroll tagħhom fir-rapport annwali (kif ukoll fil-MANCP tagħhom). Madankollu, mhux ir-rapporti kollha fihom ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi u r-riżultati, u l-biċċa l-kbira ma fihomx dikjarazzjonijiet dwar il-livell ġenerali ta' konformità u l-effettività tas-sistema ta' kontroll uffiċjali.

11-il pajjiż tal-UE inkludew informazzjoni dwar l-objettivi strateġiċi tagħhom u disgħa minnhom għamlu dan fil-forma ta' ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-indikaturi tagħhom. Dawn l-indikaturi xi drabi jkunu limitati għall-għadd ta' kontrolli uffiċjali mwettqa u għall-kampjuni meħuda. Ir-rapporti ta' xi pajjiżi tal-UE ma fihomx informazzjoni mill-awtoritajiet kollha involuti fil-kontrolli uffiċjali tul il-katina alimentari.

Xi prattiki tajba li wieħed għandu jinnota huma kif ġej:

- l-Aġenzija għas-Sigurtà tal-Katina Alimentari Belġjana tuża barometri għas-sikurezza alimentari, għas-saħħa tal-annimali u għas-saħħa tal-pjanti abbażi

ta' indikaturi; u r-riżultati ta' dawn il-barometri jippermettu paragun bejn sena u oħra; u

- n-Netherlands jiddefinixxu żewġ indikaturi ta' informazzjoni u indikatur tal-prestazzjoni wieħed:
    - l-indikatur tal-infurzar dwar il-miżuri ta' infurzar meħuda;
    - l-indikatur tal-intensità tal-kontroll fuq l-għadd ta' negozji kkontrollati f'żona partikolari (negozji jew prodotti); u
    - l-indikatur tal-konformità dwar il-livell ta' konformità.

Il-pajjiżi kollha tal-UE baqgħu jiffaċċjaw problemi biex jimplimentaw kompletament il-programmi tagħhom marbuta mal-ispezzjoni minħabba r-restrizzjonijiet stabbiliti biex irażżnu l-pandemija tal-COVID-19.

Fatturi oħrajn b'impatt negattiv fuq il-programmi ta' spezzjoni rrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali kienu jinkludu riżorsi insuffiċjenti (persunal, finanzjarju u tagħmir), il-kwistjonijiet li għaddejjin dwar is-saħħa tal-annimali (id-deni tal-ħnieżer Afrikan u l-influwenza tat-tjur) u tal-pjanti, u Brexit. Id-Danimarka ddikjarat li kellha bżonn tiddevja riżorsi umani sinifikanti għall-qtil tal-minks kollha fil-farms sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-COVID-19 lill-bnedmin.

Minħabba li s-setturi kollha juru xejra dejjem tikber fil-bejgħ mill-bogħod, il-Finlandja allokat aktar riżorsi għall-kontrolli f'dan il-qasam.

1.4
Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP

L-objettiv tal-MANCPs huwa li jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju u effiċjenti tul il-katina agroalimentari kollha, u f'konformità mar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

Meta l-kontrolli uffiċjali jidentifikaw każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa jieħdu azzjoni biex jiżguraw li n-negozju mhux konformi jirrettifika l-kwistjoni biex jipprevjeni kwalunkwe okkorrenza ulterjuri [13].

L-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa wkoll jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali, u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jirrettifikaw xi nuqqasijiet identifikati fis-sistemi ta' kontroll tagħhom [14].

[13] L-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[14] L-Artikolu 12(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/625.

1.4.1
Azzjonijiet meħuda biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozji

Il-pajjiżi tal-UE jmexxu kampanji ta' informazzjoni pubblika u jipprovdu gwida u taħriġ lin-negozji biex jgħinuhom jikkonformaw mar-regoli dwar is-sikurezza alimentari.

Disa' pajjiżi tal-UE pprovdew eżempji ta' azzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali biex jgħinu lin-negozji jikkonformaw mar-regoli applikabbli.

- L-Amministrazzjoni Veterinarja u tal-Ikel Daniża qed taħdem fuq għadd ta' miżuri biex tagħmilha aktar faċli li wieħed jifhem ir-rekwiżiti minimi tas-sikurezza alimentari meta jinbeda negozju.

- Fil-Litwanja, l-attivitajiet tal-Aġenzija tal-Istat għas-Servizzi tal-Pjanti jagħtu prijorità lill-għoti ta' pariri lin-negozji, l-għoti ta' appoġġ metodoloġiku u l-implimentazzjoni ta' miżuri oħra biex jiġi evitat il-ksur tal-leġiżlazzjoni – minflok ma jfittxu li jiksbu konformità biss permezz ta' sanzjonijiet jew penali.

- Fil-Belġju, in-negozji ċċertifikati taħt il-gwidi nazzjonali vvalidati ta' awtoverifika jibbenefikaw minn tariffi aktar baxxi u minn frekwenza aktar baxxa ta' kontrolli uffiċjali. Hemm disponibbli wkoll għodod għal dawk is-setturi li għalihom ma tkunx disponibbli gwida vvalidata ta' awtoverifika bħal din. Il-listi ta' kontroll huma disponibbli għall-pubbliku u jinkludu gwida. Hemm disponibbli wkoll korsijiet u materjal ta' taħriġ bla ħlas.

1.4.2
Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali

L-awtoritajiet nazzjonali japplikaw firxa ta' azzjonijiet ta' infurzar, minn twissijiet verbali u bil-miktub sas-sekwestru u l-qerda ta' oġġetti u t-tneħħija (temporanja) jew ir-restrizzjoni tal-approvazzjonijiet tan-negozji. Il-multi amministrattivi jintużaw bħala deterrent. Il-proċedimenti legali formali jibqgħu bħala l-aħħar istanza.

L-awtoritajjiet nazzjonali jrid ikollhom sanzjonijiet/penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fis-seħħ [15].

It-Tabella 3 turi l-għadd ta' sanzjonijiet amministrattivi applikati fil-partijiet differenti tal-katina alimentari. It-Tabella 4 turi dawn is-sanzjonijiet fl-oqsma differenti u t-Tabella 5 turi l-għadd ta' azzjonijiet ġudizzjarji meħuda fl-oqsma differenti.

Tabella 3: Sanzjonijiet amministrattivi fl-2021 skont l-attività



	Materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel	Kaċċa	Sajd	Akkwakultura	ABP	Għalf	Trasport tal-annimali	Distribuzzjoni tal-ikel	Bjedja	Produzzjoni tal-ikel	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-ikel	Servizzi tal-ikel
Sanzjonijiet	391	416	440	1.197	1.499	7.034	9.259	15.441	58.302	102.770	136.101	166.515

[15] L-Artikoli 137, 138 u 139 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Tabella 4: Sanzjonijiet amministrattivi fl-2021 skont il-qasam



	Rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠMgħall-iskop ta' produzzjoni ta' ikel u għalf	Prodotti sekondarji tal-annimali: prevenzjoni u minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem utal-annimali	Miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - użu sostenibbli tal-pestiċidi	Għalf u sikurezza tal-għalf	Saħħa tal-annimali	Trattament xieraq tal-annimali	Użu u tikkettar ta' DOP/IĠP/STG	Ikel u sikurezza alimentari (inkluż il-biedja, il-kaċċa u s-sajd)
Amministrattiva	27	2.919	2.938	14.476	14.583	24.133	34.597	49.745	525.957

Tabella 5: Azzjonijiet ġudizzjarji meħuda fl-2021



	Rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠMgħall-iskop ta' produzzjoni ta' ikel u għalf	Prodotti sekondarji tal-annimali: Prevenzjoni u minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-...	Miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti	Użu u tikkettar ta' DOP/IĠP/STG	Saħħa tal-annimali	Għalf u sikurezza tal-għalf	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - użu sostenibbli tal-pestiċidi	Trattament xieraq tal-annimali	Ikel u sikurezza alimentari (inkluż il-biedja, il-kaċċa u s-sajd)
Ġudizzjarja	2	35	76	337	405	582	978	2.128	3.360

1.4.3
Azzjonijiet meħuda biex tiġi żgurata l-operazzjoni effettiva tas-sistemi tal-kontroll uffiċjali

L-awtoritajiet nazzjonali jrid ikollhom proċeduri u/jew arranġamenti fis-seħħ biex jiżguraw l-effettività u l-adegwatezza tal-kontrolli uffiċjali. Biex jinkiseb dan, irid ikollhom aċċess għal:

- numru suffiċjenti ta' impjegati kwalifikati kif xieraq u ta' esperjenza;
- faċilitajiet u tagħmir xierqa u miżmuma kif suppost; u
- kapaċità tal-laboratorju adegwata għall-analiżi, l-ittestjar u d-dijanjożi.

L-awtoritajiet nazzjonali jridu jwettqu awditi fuq is-sistemi ta' kontroll tagħhom stess (jew iqabbdu lil xi ħadd jagħmel awditi fuqhom stess), u jrid ikollhom fis-seħħ proċeduri ta' verifika ta' kontroll [16] biex jiżguraw il-konformità u li s-sistemi tal-kontrolli huma effettivi. Dan jinkludi awditi fuq kwalunkwe entità jew persuna li l-awtorità nazzjonali setgħet iddelegatilha kompiti.

23 rapport annwali inkludew informazzjoni dwar aspett wieħed jew aktar minn dawn l-aspetti. 14 minnhom inkludew informazzjoni dwar korsijiet ta' taħriġ ipprovduti lill-persunal jew segwiti minnu.

Ir-rapporti annwali jinkludu informazzjoni limitata dwar dawn l-awditi u attivitajiet oħrajn ta' verifika li jivvalutaw l-effettività tas-sistemi tal-kontrolli uffiċjali. Ir-rapporti annwali tal-Litwanja, tal-Awstrija u tal-Iżvezja jirreferu għall-awditi mwettqa mill-Kummissjoni.

Dwar ir-riżorsi:

- Il-Bulgarija rrapportat xejriet li jistgħu jfixklu l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali:
  - tnaqqis fl-għadd ta' persunal involut fil-kontrolli uffiċjali;
  - żieda fil-piż tax-xogħol għall-persunal, inkluża l-ħtieġa li jaħdmu s-sahra;
  - żieda fl-għadd ta' siti/negozji soġġetti għal kontrolli uffiċjali; u
  - tagħmir tekniku skadut għall-kontrolli uffiċjali.

[16] L-Artikoli 6 u 12 tar-Regolament (UE) 2017/625.

- In-Netherlands iddikjaraw li s-setturi soġġetti għal kontroll qed jikbru aktar malajr mir-riżorsi umani/mill-kapaċità ta' kontroll tal-awtorità nazzjonali, iżda li ġew allokati riżorsi addizzjonali mill-gvern tagħhom.

- In-Netherlands se jivvalutaw jekk it-tekniki introdotti biex jippermettu l-kontrolli matul il-pandemija tal-COVID-19, bħall-użu ta' kameras fil-biċċeriji, jistgħux jinżammu u jittejbu ulterjorment; u

- L-Ungerija ddikjarat li qed ittejjeb is-sistemi tal-IT tagħha.

17-il pajjiż tal-UE rrapportaw bidliet fil-MANCP attwali tagħhom. Ir-raġunijiet mogħtija għal dawn il-bidliet kienu:

- bidliet fil-leġiżlazzjoni (ħames pajjiżi tal-UE);

- bidliet sinifikanti fl-istruttura, fil-maniġment jew fl-operat tal-awtoritajiet nazzjonali (5);

- l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali mwettqa (4);

- l-eżitu tas-sistema tal-awditjar intern (1);

- l-eżitu tal-kontrolli tal-Kummissjoni (1); u

- raġunijiet oħra, bħal format aġġornat; matriċijiet u parametri tal-analiżi ġodda; perjodu ġdid ta' validità; l-inklużjoni tal-awtoritajiet kollha involuti; u l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19.

Parti 2

Attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE fl-2021

2.1
Awditi u kontrolli



Il-programm ta' awditjar u analiżi tal-2021 [17] kien l-ewwel wieħed taħt il-pjan pluriennali tal-2021-2025 u ffoka fuq:

- is-sikurezza alimentari u tal-għalf;
- mard tal-annimali u pesti tal-pjanti; u
- s-sostenibbiltà tal-katina agroalimentari, b'mod partikolari fir-rigward ta'
  - l-użu sostenibbli tal-pestiċidi; u
  - t-trattament xieraq tal-annimali, fejn beda proġett dwar il-kontrolli fuq it-trattament xieraq tat-tiġieġ tal-bajd.

Wettaqna 98 awditu u kontroll simili fuq is-sistemi ta' kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE fl-2021. Iċ-Ċart 1 turi l-firxa ġeografika ta' dawn il-kontrolli. Iċ-Ċart 2 turi l-għadd ta' awditi għal kull qasam ta' kontroll.

[17] Il-programmi ta' ħidma huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Ċart 1: Kontrolli tal-Kummissjoni fl-2021



Ċart 2: Awditi mwettqa għal kull qasam ta' kontroll – 2021



Ir-restrizzjonijiet implimentati biex tiġi kkontrollata l-pandemija tal-COVID-19 kienu jfissru li 83 mill-awditi u kontrolli simili twettqu kompletament mill-bogħod, inkluż permezz ta' vidjokonferenzi. Ma kienx possibbli li jsiru żjarat mill-bogħod fil-faċilitajiet tan-negozji biex tiġi aċċertata l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali. Tmienja minnhom twettqu parzjalment mill-bogħod, b'element fuq il-post limitat. Sebgħa minnhom twettqu kompletament fuq il-post.

2.2
Rakkomandazzjonijiet

Il-kontrolli mwettqa fl-2021 irriżultaw f'total ta' 407 rakkomandazzjoni lill-pajjiżi tal-UE. Iċ-Ċart 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawn għal kull settur. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jipprovdi diżaggregazzjoni ulterjuri taċ-ċifri skont l-oqsma differenti awditjati.

Ċart 3: Rakkomandazzjonijiet magħmula fl-2021 skont is-settur



2.3
Punti ewlenin mill-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fl-2021

Ikel

L-awditi fis-settur tas-**sajd** identifikaw dgħufijiet fir-reġistrazzjoni u fil-kontroll ta' bastimenti tas-sajd żgħar u nuqqas ta' kontrolli fuq postijiet ta' ħatt l-art u operazzjonijiet relatati. L-awditi dwar prodotti tas-sajd lesti biex jittieklu kkonfermaw fattur li diġà ħareġ qabel dwar ir-rekwiżit li jintwera li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji rilevanti tas-sikurezza alimentari matul il-ħajja fuq l-ixkaffa tagħhom. Xi ħaġa li ħarġet ukoll fis-serje tal-awditu ġenerali tal-prodotti lesti biex jittieklu.

L-awditi tagħna fis-settur tal-**laħam** eżaminaw ulterjorment l-allegazzjonijiet li l-baqar mhux tajbin għall-qatla qed jinqatlu u vvalutaw rekwiżiti legali ġodda introdotti għal spezzjonijiet *ante-* u *post-mortem* fil-biċċeriji tat-tjur. Dawn l-awditi identifikaw lakuni fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali fir-rigward tat-taħriġ, l-ispezzjonijiet *ante-mortem* u l-qtil ta' emerġenza fil-farm. Awditu speċifiku vvaluta l-progress li sar mill-Polonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet dwar dawn is-suġġetti li rriżulta mill-awditi mwettqa fl-2019.

Fis-settur tal-**ħalib**, identifikajna dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-kwalità għall-ħalib mhux mill-bovini; taħriġ; sorveljanza tal-kontrolli mwettqa; u l-klassifikazzjoni u infurzar ta' inċidenti ta' nuqqas ta' konformità.

Dwar **ikel ta' oriġini mhux mill-annimali**, komplew l-awditi dwar ir-riskji mikrobijoloġiċi fil-produzzjoni primarja. Ġie osservat titjib meta mqabbel mas-serje ta' awditu preċedenti, iżda nstab li ż-żrieragħ għat-tnibbit għadhom ma humiex ikkontrollati b'mod adegwat u li r-reġistrazzjoni tal-produtturi primarji jeħtieġ li titjieb sabiex kollha jkunu jistgħu jiġu vvalutati għar-riskju u jiġu inklużi fis-sistema ta' kontroll bi frekwenza xierqa.

Għalf

L-awditi fis-settur tal-għalf identifikaw problemi bil-valutazzjoni tas-sistemi tal-analiżi tal-perikli u tal-punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) tal-operaturi; l-

implimentazzjoni ta' protokolli ta' kampjunar; u l-kontrolli uffiċjali fuq it-tikkettar tal-għalf.

Is-saħħa tal-annimali

L-awditi ffukaw fuq id-deni tal-ħnieżer Afrikan. Ir-riżultati tal-awditu ntużaw ukoll biex jivvalutaw u jtejbu ulterjorment l-appoġġ tal-Kummissjoni lill-pajjiżi tal-UE.

Prodotti sekondarji tal-annimali

Abbażi tal-esperjenza minn awditi preċedenti, iffukajna fuq il-kontrolli uffiċjali f'punti kritiċi fil-katina tal-prodotti sekondarji tal-annimali. L-awditi vvalutaw ukoll l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali. Is-sejbiet ta' dawn l-awditi rriżultaw fl-irfinar tal-ambitu għal aktar awditi f'dan il-qasam sal-2024.

Trattament xieraq tal-annimali

Wara l-inizjattiva taċ-ċittadini "end the cage age" [18] ta' suċċess, l-awditu vvaluta s-sistemi ta' kontroll uffiċjali għall-benessri tat-tiġieġ tal-bajd. L-istokkjar żejjed tal-annimali huwa l-qasam ta' dgħufija ewlieni. In-nuqqas ta' rekwiżiti tat-trattament xieraq legali speċifiċi għall-istokk tat-tgħammir u għat-tiġieġ żgħir ifisser li ma hemm l-ebda konsistenza fil-mod kif jitwettqu l-kontrolli uffiċjali.

Biex ngħinu fit-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport bil-baħar, komplejna naħdmu mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima biex intejbu s-sistema ta' kontrolli uffiċjali fuq il-bastimenti tal-bhejjem.

Is-saħħa tal-pjanti

L-attivitajiet tagħna ta' awditu u ta' analiżi għenu biex ikun hemm titjib ulterjuri fir-rapportar f'waqtu ta' tifqigħat u ta' aġġornamenti ġodda dwar dawk eżistenti tal-pesti tal-pjanti u l-valutazzjoni tal-informazzjoni biex ikun jista' jsir teħid ta' deċiżjonijiet b'mod rapidu. Serje ta' awditi dwar il-kontrolli tal-importazzjonijiet appoġġat lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu s-sistemi ta' kontroll tagħhom.

Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

[18] Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej hija mod uniku biex tgħin fit-tfassil tal-UE. Ladarba inizjattiva tilħaq miljun firma, il-Kummissjoni se tiddeċiedi fuq x'azzjoni għandha tieħu. Aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini "End the cage age".

Kompliet it-tħejjija għall-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Ippubblikajna l-indikaturi armonizzati aġġornati [19] għall-2011-2019. L-indikaturi juru l-progress kontinwu li sar. Is-serje ta' awditi u ta' taħriġ tagħna iffokat fuq l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-ġestjoni integrata tal-pesti.

Produzzjoni organika u tikkettar ta' prodotti organiċi

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-korpi privati ta' kontroll jiċċertifikaw il-produzzjoni organika u l-użu u t-tikkettar ta' dawn il-prodotti. Is-superviżjoni ta' dawn il-korpi ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti teħtieġ aktar titjib.

Denominazzjoni ta' oriġini protetta, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti

B'mod ġenerali, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali huma effettivi. L-effettività tagħhom hija ogħla fl-istadji tal-produzzjoni u tal-ipproċessar milli fis-settur downstream (bejjiegħa bl-ingrossa u bejjiegħa bl-imnut).

Madankollu, il-kontrolli uffiċjali mhux dejjem jivverifikaw jekk dawn il-prodotti jikkonformawx mar-regoli kollha fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott.

Barra minn hekk, il-kontrolli tas-suq imwettqa għall-użu tal-ismijiet irreġistrati ta' dawn il-prodotti ma humiex sistematiċi u bbażati fuq ir-riskju. Dawn huma bbażati l-aktar fuq ilmenti jew informazzjoni esterna.

Prattiki frodulenti u qarrieqa

Abbażi tar-riżultati tal-istudji u tal-laqgħat ta' tiftix tal-fatti mal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni qed tħejji dokument ta' gwida biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali bil-kontrolli uffiċjali tagħhom jidentifikaw prattiki frodulenti u qarrieqa fil-katina agroalimentari.

Il-programmi kkoordinati mmirati lejn oġġetti tal-ikel foloz u ta' standard inferjuri, kif ukoll il-frodi alimentari u l-adulterazzjoni tal-ikel, għadhom fis-seħħ.

Id-dħul ta' annimali u oġġetti fl-UE

Ir-riżultati tal-awditi juru li, b'eċċezzjoni waħda, il-pajjiżi tal-UE komplew itejbu s-sistemi tagħhom u l-implimentazzjoni tal-kontrolli.

Residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u ta' kontaminanti ambjentali fl-annimali u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali

[19] Jintużaw indikaturi tar-riskju armonizzati biex jiġu stmati x-xejriet fir-riskji relatati mal-użu tal-pestiċidi.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi u tal-ħames awditi li twettqu jindikaw li l-pajjiżi tal-UE huma konformi.

2.4
Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi

2. 4.1
Awditi ta’ segwitu ġenerali

Abbażi taċ-ċiklu ta’ 3 snin tagħna, wettaqna tmien awditi ta’ segwitu ġenerali fl-2021.

Tabella 6: Awditi ta’ segwitu ġenerali fl-2021

Awditi ta’ segwitu ġenerali:	

Ir-rieżami sistematiku tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu kompla jkun effettiv biex jittratta l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet identifikati. Ir-riżultati tal-awditi ta’ segwitu ġenerali ġew ippubblikati fil-profili tal-pajjiżi rilevanti.

Fl-aħħar ta’ Diċembru 2021, l-awtoritajiet nazzjonali kienu ħadu azzjoni korrettiva jew ipprovdew impenji sodisfaċenti biex jindirizzaw il-maġġoranza tan-nuqqasijiet identifikati fi skadenzi aċċettabbli. Abbażi ta’ indikatur kontinwu ta’ 3 snin, saru impenji għal azzjonijiet korrettivi fuq 90 % tar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-awditi mwettqa fil-perjodu ta’ 3 snin bejn l-2017 u l-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet miftuħa kollha għadhom jiġu mmonitorjati permezz ta’ awditi ta’ segwitu ġenerali.

2.4.2
Infurzar



Fl-2021, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata addizzjonali liċ-Ċekja dwar l-obbligu tagħha li sistematikament tirrapporta l-wasla ta' ċerti oġġetti tal-ikel li ġejjin minn pajjiż ieħor tal-UE meta dawk l-oġġetti tal-ikel jidħlu fiċ-Ċekja għall-ewwel darba [20].



Fl-2021, il-Kummissjoni ma rreferiet l-ebda każ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma soġġetti għal kontrolli uffiċjali koperti minn dan ir-rapport.

([20]) F'Jannar tal-2019 ntbagħtet ittra ta' intimazzjoni u f'Lulju tal-2019 intbagħtet opinjoni motivata. Minħabba li r-Regolament (UE) 2017/625 ħassar u ssostitwixxa l-leġiżlazzjoni applikabbli qabel dwar il-kontrolli uffiċjali u sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali rigward id-dispożizzjonijiet li l-Kummissjoni qieset li kisret iċ-Ċekja, f'Lulju 2020 intbagħtet ittra ta' intimazzjoni addizzjonali u f'Settembru 2021 intbagħtet opinjoni motivata addizzjonali.

Konklużjonijiet

Ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE dwar il-kontrolli uffiċjali juru li l-awtoritajiet nazzjonali fl-2021 komplew jissodisfaw ir-rwol tagħhom li jimmonitorjaw u li jivverifikaw li n-negozji tul il-katina alimentari jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-UE u ħadu miżuri ta' infurzar meta dan ma kienx il-każ.

L-awtoritajiet nazzjonali għad iridu jikkompletaw l-adattament tas-sistemi tad-*data* interni tagħhom biex jippermettu s-sottomissjoni ta' *data* kompluta u konsistenti fil-format meħtieġ. Li wieħed isegwi l-gwida tal-Kummissjoni dwar it-tlestija tar-rapport annwali għandu jkompli jtejjeb il-komparabbiltà tal-informazzjoni pprovduta għall-2022 u għas-snin sussegwenti.

Ir-rapporti annwali jistgħu jittejbu wkoll meta l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom biżżejjed *data* biex jinkludu dikjarazzjonijiet dwar il-livell ta' konformità ġenerali; l-effettività ġenerali tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali; u l-adegwatezza tagħhom biex jilħqu l-objettivi tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali [21].

Fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali dwar it-trattament xieraq tal-annimali, ir-rapporti annwali futuri jridu jipprovdu analiżi aħjar tal-inċidenti ewlenin ta' nuqqas ta' konformità u tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex tiġi evitata kwalunkwe rikorrenza ta' inċidenti ta' nuqqas ta' konformità bħal dawn.

Ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE u tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-awtoritajiet nazzjonali juru li s-sistemi ta' kontroll meħtieġa huma fis-seħħ u li, b'mod ġenerali, jipprovdu livelli ta' konformità li huma kompatibbli mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari u tal-għalf u ta' suq intern tal-UE b'saħħtu. Madankollu, il-kontrolli tal-Kummissjoni identifikaw dgħufijiet f'xi sistemi ta' kontroll u enfasizzaw aktar lok għal titjib.

Is-segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Kummissjoni juri li l-awtoritajiet nazzjonali ġeneralment qed jieħdu l-miżuri korrettivi xierqa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati.

Filwaqt li taħdem fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni tkompli tappoġġahom biex itejbu kontinwament is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tagħhom permezz tan-networks ta' esperti nazzjonali u permezz tal-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel.

[21] Ir-Regolament (UE) 2017/625.

Matul l-2021, ir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 komplew jagħmluha diffiċli għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Kummissjoni biex iwettqu l-pjanijiet ta' kontroll tagħhom. Il-livelli tal-persunal u r-restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi ġew ikkwotati wkoll bħala raġunijiet għaliex l-awtoritajiet nazzjonali ma kinux implimentaw kompletament il-programmi ppjanati tagħhom.